31994D0775

3.12.1994 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 310/77

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tat-28 ta' Novembru 1994
## li temenda d-Deċiżjonijiet Nri 94/143/KEE, 94/187/KEE, 94/309/KEE, 94/344/KEE, 94/446/KEE u 94/435/KEE li jistabbilixxu il-ħtigiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE

**(Test b'relevanza għaz- ŻEE)**

(94/775/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tistabbilixxi l-htigiet tas-sahha ta' l-Annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' Prodotti li ma humiex suġġetti għall-imsemmija ħtiġiet stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità referuti fl-Anness A (I) tad-Direttiva 89/662/KEE u, f'dak li jirrigwardja l-patoġeni, tad-Direttiva 90/425/KEE ([1]), u partikolarment l-Artikolu 10(2)(ċ) tagħha,

Billi d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 94/143/KEE ([2]), 94/187/KEE ([3]), 94/309/KEE ([4]), 94/344/KEE ([5]), 94/446/KEE ([6]) u 94/435/KEE ([7]) rispettivament jistabbilixxu l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' serum minn ekwidi, l-oqfsa ta' l-annimali, ċertu ikel tal-annimali tad-djar u ċerti prodotti edibli li jkunux bit-tannina, li jkun fihom materjali b'riskju baxx, proteini proċessati ta' l-annimali li jinkludu prodotti li jkun fihom din il-proteina intiża għal konsum mill-annimali, għadam u prodotti ta' l-għadam, qrun u prodotti tal-qrun u dwiefer u prodotti tad-dwiefer għal aktar ipproċessar mhux intiżi għal konsum tal-bnedmin jew ta' l-annimali, u lanżit tal-majjali minn terzi pajjiżi;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/461/KEE ([8]) temenda d-Deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq u li tipprovdi għall-applikazzjoni tagħhom mill-1 ta' Diċembru 1994; billi jidher li pajjiżi terzi ma jkunux jistgħu jaderixxu mal-kondizzjonijiet godda ta' l-importazzjoni sa dik id-data; billi sabiex jiġi evitat waqfien fil-kummerċ, ikun meħtieġ li tkun posposta d-data ta' l-applikazzjoni ta' dawk id-Deċiżjonijiet sat-28 ta' Frar 1995;

Billi d-Deċiżjonijiet Nri 94/143/KEE, 94/187/KEE, 94/309/KEE, 94/344/KEE, 94/446/KEE u 94/435/KEE għandhom għalhekk ikunu emendati kif meħtieġ;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 94/143/KEE, id-data l-"1 ta' Diċembru 1994" hija mibdula bi "it-28 ta' Frar 1995".

*Artikolu 2*

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 94/187/KEE, id-data l-"1 ta' Diċembru 1994" hija mibdula bi "it-28 ta' Frar 1995".

*Artikolu 3*

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 94/309/KEE, id-data l-"1 ta' Diċembru 1994" hija mibdula bi "it-28 ta' Frar 1995".

*Artikolu 4*

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 94/344/KEE, id-data l-"1 ta' Diċembru 1994" hija mibdula bi "it-28 ta' Frar 1995".

*Artikolu 5*

Fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 94/446/KEE, id-data l-"1 ta' Diċembru 1994" hija mibdula bi "it-28 ta' Frar 1995".

([1]) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
([2]) ĠU L 62, tal-5.3.1994, p. 62.
([3]) ĠU L 89, tas-6.4.1994, p. 18.
([4]) ĠU L 137, ta' l-1.6.1994, p. 62.
([5]) ĠU L 154, tal-21.6.1994, p. 45.
([6]) ĠU L 183, tad-19.7.1994, p. 46.
([7]) ĠU L 180, ta' l-14.7.1994, p. 40.
([8]) ĠU L 189, tat-23.7.1994, p. 88.

*Artikolu 6*

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 94/435/KEE, id-data l-"1 ta' Diċembru 1994" hija mibdula bi "it-28 ta' Frar 1995".

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-28 ta' Novembru 1994.

*Għall-Kummissjoni*

René STEICHEN

*Membru tal-Kummissjoni*